**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Teimuraz Datashvili**

**Kumpilazzjoni 643/2018**

**Illum tnax (12) ta' Awissu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Teimuraz Datashvili**, iben Tamaz u Elizat, imwieled fil-Georgja nhar it-tlettax (13) ta' Marzu 1977, minghajr indirizz fiss u detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 184574A fejn gie akkuzat talli:

1. Nhar is-7 ta' Ottubru 2018, fis-sieghat bikrin ta' filghodu, minn gewwa l-hanut The Convenience Store, fi Triq in-Naxxar, San Gwann, ikkommetta serqa ghad-detriment ta' The Convenience Store, liema serqa hija aggravata bil-'mezz', bil-'hin', u bil-'valur' li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

2. L-imputat gie akkuzat wkoll tali fil-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara fuq il-propjeta Convenience Store San Gwann.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal kumpens ta' danni, ma' kull sentenza li ser timponi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 98*) datata it-12 ta' Marzu 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (a), 280 (2) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- l-artikoli 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- l-artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- l-artikoli 17, 20, 31, 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-5 ta' April 2019 (*a fol. 100)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta' Marzu 2019, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju tramite l-interpretu mahtur mill-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni finali relattiva ghal dan il-kaz mill-prosekuzzjoni u mid-difiza fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2019, liema trattazzjoni finali giet traskritta u tinsab a fol. 142 et seq tal-process;

**KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI**

- **Rijassunt tax-Xhieda**

**L-Ispettur Matthew Spagnol** (Fol. 8 et seq) xehed li l-Pulizija giet infurmata li kienet sehhet serqa mill-Convenience Store fi Triq in-Naxxar, San Gwann. Tal-Convenience Store ipprovdew CCTV footage u jumejn wara s-serqa dawn ghamlu kuntatt mal-Pulizija u infurmawhom li kienu identifikaw l-allegat halliel. Il-Pulizija marru fuq il-post. Sadanittant is-suspettat kien lahaq tela' fuq karozza tal-linja u imbaghad il-Pulizija waqfu lil tal-linja u nizluh minn fuqha. L-Ispettur imbaghad kien ha stqarrija lill-imputat wara li tah is-soliti drittijiet. B'riferenza ghall-

allegata serqa, l-imputat cahad li huwa kien seraq mill-hanut. Ammetta li kien mar fil-hanut biex jixtri bejn id-disgha u l-ghaxra ta' bil-lejl pero cahad li kien hu li seraq. B'riferenza ghall-persuna li kien qieghed jidher fuq is-CCTV footage, l-imputat qal lill-Pulizija li dan kien persuna ohra mill-Georgia. Hu kien gharfu ghaliex kien iltaqa' mieghu numru ta' okkazzjonijiet. Rinfaccjat bl-allegazzjoni li huwa gieli wettaq serqiet zghar mill-hanut Convenience Store, ix-xhud wiegeb li kien ha biss affarijiet zghar u li meta kien imur jixtri wara kienu jzommulu aktar flus.

Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru 2018, l-Ispettur ipprezenta kopja tal-okkorrenza relattiva ghal din is-serqa.

**Sean Caruana** (Fol. 16 et seq), is-sid tal-franchise The Convenience Store, xehed li fis-sebgha (7) ta' Ottubru 2018 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghodu kienu cemplulu xi haddiema wara li fethu l-hanut u sabu cash drawer nieqes u anke hsarat rizultat ta' sgass. Ix-xhud spjega li kienu insterqu mitejn ewro (€ 200) fi flus, mitejn u hamsa ewro (€ 250) f'mobile cards u kienu saru wkoll bejn erba' mija u hamsin (€ 450) u hames mitt ewro (€ 500) fi hsarat. Ix-xhud kompla jghid li huwa ghadda c-CCTV footage lill-Pulizija precizament lis-Surgent 750. Ix-xhud qal li huwa ghadda kemm ic-CCTV footage kif wkoll ritratti li ittiehdu mis-sistema. Dan fi sforz sabiex jigi identifikat il-persuna in kwistjoni.

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonferma li bejn dak li insteraq u hsara li giet arrekata fil-post kien hemm b'kollox madwar elf ewro (€ 1,000). Ix-xhud spjega li l-mitejn ewro (€ 200) kien float fil-cash register filwaqt li kien hemm mitejn u hamsin ewro (€ 250) f'cards li jigu impoggija fil-kexxun

kull filghaxija biex ikunu lesti ghall-ghada. L-ammont ta' hsara gie stabbilit skont quotations. Ix-xhud kompla jghid wkoll li lill-imputat hu qatt ma rah fil-hanut ghaliex ma jkunx hemm. Huwa rah biss minn fuq il-footage. Ikkonferma wkoll li r-ritratti kien wriehom biss lill-Pulizija kif wkoll lill-manager li kien mieghu dakinhar tas-serqa.

Sean Caruana rega' xehed fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Frar 2019. Huwa ipprezenta l-video minn fejn kienu ittiehdu l-istills. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-istills li kienu gew esebiti ittiehdu mill-istess CCTV footage.

B'riferenza ghall-arrest li ghamlet il-Pulizija b'rabta ma' dan il-kaz, ix-xhud spjega li l-haddiema tieghu kienu raw lill-persuna li x'aktarx kienet tidher fil-filmat vicin tal-hanut, infurmawh b'dan u hu kien cempel lill-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat prezenti in awla kien il-persuna li kienu arrestaw il-Pulizija.

**In kontro-ezami** x-xhud indika li l-persuna kienet dehret fejn il-hanut jumejn wara li kien sehh l-isgass. Mistoqsi kif jaf li kienet din il-persuna li ghamlet l-isgass, ix-xhud wiegeb li dan kien klijent li kien jidhol regolarment fil-hanut. Qal li kien wasal ghall-imputat fl-awla ghaliex kien rah fuq ic-CCTV u l-haddiema kienu rawh jitlajja vicin il-hanut jumejn wara.

**PC 803 Andrew Pullicino** (Fol. 20 et seq) ikkonferma li huwa kien xhud tal-istatement tal-imputat. Qal li qabel l-istqarrija l-imputat kien inghata d-drittijiet legali tieghu kollha. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala l-

persuna li kien ta l-istatement lill-Pulizija. **<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud qal li l-imputat kien cahad li kien wettaq is-serqa.

**<u>Dr Antonio Depasquale</u>** (Fol. 25 et seq) ghan-nom ta' The Convenience Store pprezenta zewg invoices u VAT receipt li juru l-ispejjez li kellhom isiru mill-istess socjeta per konsegwenza tas-serqa li kien hemm.

**<u>PS 750 Terry James Mallia</u>** (Fol. 37 et seq) xehed li fis-sebgha (7) ta' Ottubru 2018 huwa kien gie mghajjat fuq serqa li kienet sehhet mill-Convenience Store gewwa Triq Naxxar, San Gwann. Il-haddiema infurmawh li kienu sabu lizar mal-art quddiem il-bank tal-cash kif wkoll kexxun minn tal-cash nieqes. Il-haddiema qalulu wkoll li kienu sabu l-bieb maghluq. Ghall-ewwel il-Pulizija bdiet tahseb li xi hadd kien dahal billi uza c-cavetta. Izda mbaghad stabbilew li l-bieb seta' jinfetah allavolja kien imsakkar. Ix-xhud kompla jghid li l-propjetarju li kien jismu Sean gie fuq il-post u beda juri l-filmati lill-Pulizija. Mill-filmati deher li bniedem kien dahal b'lizar fuqu u li kien fetah il-bieb b'lieva. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ra l-filmat. Huwa kien gie mghoddi wkoll l-istills minghand is-sid, liema stills imbaghad hu ghaddihom lill-Ispettur Spagnol.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud wiegeb li huwa ma kienx eleva CCTV footage mill-istore u li l-istills li kienu intbaghtu lilu intbaghtu minn Sean Caruana. L-istills li baghtlu kienu jirreferu ghal dawk li kienu raw flimkien. Ix-xhud kien wkoll baqa' ma' Sean Caruana li jghaddilu l-filmat kollu kemm hu.

B'referenza ghall-bieb ix-xhud qal li l-bieb kien maghluq sal-erbgha ta' filghodu. Imbaghad jidher miftuh u x'hin jidhlu l-haddiema l-bieb kien jidher maghluq. Dan ghaliex il-cameras jahdmu hekk kif ihossu li hemm moviment. Kompla jghid li fil-filmati kien deher persuna liebes l-iswed minn fuq sa isfel b'kappell f'rasu kif wkoll kellu lizar mieghu. Dan il-lizar kien thalla warajh fuq il-bank tal-kaxxiera ghaliex huwa u hiereg waqa' minn fuqu. Jidher hiereg bil-kexxun b'kollox minn gewwa l-hanut, jaqsam faccata u imbaghad ma deherx aktar. Il-bieb kien hallieh miftuh. Il-filmat imbaghad jaqta'. Il-camera regghet attivat ruhha x'hin dahlu l-haddiema filghodu. B'riferenza ghall-isgass, ix-xhud ikkonferma li l-halliel kellu lieva jew hadida ta' lewn hamrani u jidher jimbotta l-bieb. Ma intuzawx cwievet biex infetah il-bieb.

**<u>Marylouise Abdilla</u>** (*a fol* 68 et. seq.) xehdet li hija tahdem fil-hanut The Convenience Shop ta' San Gwann. Nhar is-sebgha (7) ta' Ottubru 2018 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu hija dahlet xoghol. Il-hanut kien imsakkar normali. Kif dahlu raw lizar f'wiehed mill-kurituri. Kif wiehed mill-kollegi taghha mar biex jiehu l-cash tieghu u jiccekkja l-float sab li ma kienx hemm cash u minn hemm indunaw li kienet insterqet il-cash. Kompliet tghid li hija imbaghad rat il-footage. Hija gharfet lill-imputat bhala klijent regolari tal-hanut. Kompliet tghid li deher jipprova jiftah kemm -il darba u sa fl-ahhar irnexxielu jiftah bi crow bar. Fil-fatt kienu anke sabu l-marki mal-bieb. Huwa dahal bil-lizar fuq rasu izda hu u hiereg waqaghlu l-lizar. Ix-xhud ikkonfermat wkoll ir-ritratti li kienu ittiehdu minn fuq is-CCTV.

**In kontro-ezami**, x-xhud qalet li l-lizar kienu gabruh il-Pulizija u l-imputat kienet gharfitu ghaliex ratu fl-awla kif dahlet. Kompliet tghid li l-footage kienet ratu filghodu u huma gharfuh mill-ewwel min kien ghax kien klijent ta' kuljum. Kompliet tghid li n-nies gieli indikawh li kien qieged jisraq affarijiet. Pero hu qatt ma inqabad. Ma kienx ikun wahdu fil-hanut meta kien jmur u kien imur f'areas tal-hanut li ma kinux jkunu koperti bil-kameras. Ix-xhud gharfet wkoll lill-imputat fil-filmati mill-hwejjeg li kien ikun liebes ta' kuljum: beritta blu u gakketta blu. Hija ratu fuq il-bus stop li hemm faccata tal-hanut waqt li kienet qieghda timla l-fridge u mill-ewwel ghamlet kuntatt mal-Manager. Dakinhar li rawh fuq il-bus stop kien liebes l-istess beritta u gakketta.

**Andriy Nappa** (Fol. 79 et seq) xehed li huwa jahdem mal-Convenience Store bhala kaxxier. Beda biex qal li huwa kien xoghol fis-sitta (6) ta' Ottubru 2018. Huwa flimkien mal-kollega tieghu kienu ghalqu l-bieb tal-hanut u sakkru. Dan kien ghall-hdax jew il-hdax u kwart ta' filghaxija. L-ghada filghodu huwa mar flimkien ma' MaryLouise biex jifthu l-hanut. Kif dahlu sabu l-lizar mal-art. Peress li kien ghalaq flimkien ma' kollega iehor tieghu kien jaf li ma kienx halla affarijiet fl-art. X'hin imbaghad mar fejn il-cash sab cash minnhom nieqsa. Minn hemmhekk huma regghu ghalqu l-bieb u avzaw lill-imghallem taghhom. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla bhala li kien relatat mal-kaz peress li deher mill-footage li kienu wrewhom. Ix-xhud gie muri r-ritratti fejn ikkonferma li dawk kienu r-ritratti ta' meta l-imputat dahal fil-hanut bil-lizar.

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonferma li lill-imputat qatt ma kien rah fl-istore ta' San Gwann. Spjega li huwa ma kienx jidhol kuljum ghaliex kien

jahdem fuq bazi part-time. Sostna li meta mar biex jiftah filghodu l-bieb kien maghluq u msakkar normali. Qal li meta l-bieb jigi sgassat il-lock jibqa' maghluq allura malli jinghalaq il-bieb dan jerga' jigi illokkjat. Fil-footage imbaghad kienet dehret wahda mara ghaddejja minn hemm sabet il-bieb miftuh u ghalqitu. Bhala hsara fil-bieb, ix-xhud indika li kien ghafsa mal-bieb hdejn il-lock. Ix-xhud zied jghid wkoll li ta' fuqhom kienu qalulhom biex izommu ghajnejnhom miftuhin f'kaz li jaraw lill-persuna li deher fil-filmat u biex icemplu lill-Pulizija mill-ewwel. Kienu wkoll iccirkolaw r-ritratti tieghu li ittiehdu mill-footage biex huma bhala haddiema joqoghdu attenti ghalih. Gieli wkoll kienu rawh jiehu xi affarijiet mill-hanut. Kompla jghid li dan kien qieghed jigi identifikat ghax kien qieghed jilbes dejjem l-istess hwejjeg. Ix-xhud gharaf wkoll lill-imputat bhala l-persuna li tidher fuq is-CCTV footage. Huwa kien rah qabel ma dahal jaghti x-xhieda tieghu.

**<u>L-imputat Teimuraz Datashvili</u>** (Fol. 104 et seq) tal-process xehed li dakinhar tas-sebgha (7) ta' Ottubru 2018 meta sehhet is-serqa huwa kien qieghed fir-residenza tieghu. Huwa kien rieqed. Kien qam filghodu u mar ghax-xoghol ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu (08.00hrs). Spjega li huwa kien qieghed jirrisjedi fi blokk bl-isem ta' Vanessa, 22. Hu kien qieghed joqghod ma' martu, uliedu, kuginuh u l-kunjata. Kollha kienu prezenti fl-appartament dakinhar tas-sebgha (7) ta' Ottubru 2018. Kompla jghid li huwa kien familjari mal-Convenience Shop peress li dan il-hanut jinsab biss ghoxrin (20) metru mid-dar tar-residenza tieghu u kien jixtri l-affarijiet regolarment minn dan il-hanut. Huwa kien ilu jmur jixtri regolarment ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u cioe kemm kien ilu joqghod San Gwann.

B'referenza ghal dak li kien qal fl-istqarrija tieghu fejn huwa kien qal li gieli ha xi affarijiet mill-hanut minghajr ma hallas, l-imputat kjarifika li gieli tawh il-fakolta jixtri *on credit* u imbaghad kien ihallas id-darba ta' wara li kien imur il-hanut. Sostna li l-haddiema tal-hanut kienu jafu li hu kien jiehu l-affarijiet on credit. Zied jghid wkoll li hadd mill-haddiema qatt ma zammu milli jidhol fil-hanut. Meta gie muri r-ritratti mehudin mill-istills tas-CCTV, ix-xhud cahad li l-persuna li kien jidher fir-ritratti kien hu. Qal li kien jaf min kienet din il-persuna u li n-nies kien jsibuh bhala George. Kompla jghid li dan George kien inzerta qieghed fil-lock-up tal-Furjana u huwa kienu kellmu waqt li kienu qeghdin f'celel differenti qrib xulxin. L-imputat zied li huwa kien saqsa lil dan il-Georgjan ghalfejn kien arrestat u dan kien wiegbu li kien gie arrestat ghaliex kienu qabduh ibiegh Vodafone u Go Mobile top-up cards. Imbaghad wara kien sar jaf li gie deportat. Imbaghad meta qalulu li hu (l-imputat) kien qieghed jigi akkuzat li seraq il-flus u anke t-top-up cards, induna li din ir-raguni kienet is-simili ghar-raguni li waslet ghall-arrest tal-Georgjan l-iehor. L-imputat sostna li huwa kien informa lill-Pulizija dwar dan. Pero ma jafx il-Pulizija x'kienu ghamlu dwar din l-informazzjoni li kien ghaddihielhom.

**In kontro-ezami**, l-imputat ikkonferma li kien ilu joqghod San Gwan ghall-ahhar tlett snin u kien imur regolarment The Convenience Store. Ix-xhud qal wkoll li jaghraf il-persuni li xehdu f'dawn il-proceduri u li kienu jahdmu fil-Convenience Store. B'riferenza ghall-persuna li kien indika l-imputat, huwa wiegeb li kien iltaqa' mieghu darba jew darbtejn izda kien rah diversi drabi hu u ghaddej bil-bus u gieli anke xejru lil xulxin.

Mistoqsi allura kif il-haddiema tal-Convenience Store kienu identifikaw lilu, l-imputat wiegeb li meta wiehed ma jkunx familjari mal-wicc jista' jahseb li kien hu (l-imputat) li dahal fil-hanut. Dan ghaliex jista' jkun li huwa jixbah lil din il-persuna. Kompla jinsisti li huwa ma kienx sgassa u dahal seraq mill-hanut u ma kien sejjer imur jaqbad il-karozza tal-linja minn quddiem il-hanut li huwa kien seraq. Skont hu ma kienx jersaq aktar lejn il-hanut u kien jitbieghed mill-akkwati.

**PS 776 Victor Gafa** (Fol. 115 et seq) xehed li fit-tmienja (8) ta' Ottubru 2018 fil-lock up kienu qeghdin jinzammu zewg persuni ta' nazzjonalita Georgjana. Wiehed kien Teimuraz u l-iehor certi Georgie Xelia. Xelia kien arrestat mhux fuq investigazzjoni izda fuq skop ta' immigrazzjoni. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm hin li dawn kienu flimkien.

**L-Ispettur Hubert Gerada** (Fol. 121 et seq) xehed li Georgie Xelia kien gie riferut l-Immigration mill-Ghassa ta' Birkirkara. Kien gie skortat minn zewg pulizija ghax ma kellux dokument. Dan kien ammetta mal-Ispettur li kien qieghed irregolarment Malta u allura kellu bzonn jinhariglu dokument biex jitkecca minn Malta. Dan id-dokument inhariglu fid-disgha (9) ta' Ottubru u gie deportat lejn pajjizu dakinhar stess via Istanbul. L-Ispettur ipprezenta kopja tar-ritratt li kien ittiehidlu l-ufficju, kopja tal-finger prints u anke tar-removal order ta' Xelia. L-Ispettur qal wkoll li huwa ma kienx gie infurmat li dan Xelia kellu kazi ta' serq.

**Marianna Pekurashvili** (*Fol* 135 et. seq.) xehdet li l-imputat huwa zewgha. Qalet li f'Ottubru 2018 hija kienet qieghda tghix flimkien ma'

zewgha f'San Gwann, Imsierah 1SS 20. Ghall-bzonnijiet ta' kuljum huma kienu jmorru jixtru minn hanut li hija qalet li jismu Converse. Fil-lejl ta' bejn is-sitta u s-sebgha ta' Ottubru 2018 hija qalet li hi u zewgha kienu d-dar. Forsi kienet harget ghall-hamsa jew is-sitta ta' filghaxija biex tixtri xi haga ghal uliehda. Dan kien wara l-hin tax-xoghol. Filghaxija bil-lejl kullhadd kien id-dar inkluz zewgha. Qalet li t-tnejn kienu reqdin fl-istess sodda.

Kompliet tghid li ghall-habta tas-siegha ta' filghodu xi hadd kien cempel il-bieb. Xi hadd mill-Georgia li ma kienx habib tal-familja kien mar ghandha u saqsieha ghall-ilma peress li ried jixrob. Hi sostniet li lil dan il-persuna kienet tafu pero ma kienx habib taghha. Kienet tafu ghax kienet tiltaqa' mieghu l-Knisja u kienu tal-istess nazzjonalita. Dan dam fl-appartament ghal xi ghoxrin minuta u imbaghad telaq. Hi u zewgha imbaghad kienu marru lura jorqdu. Filghodu imbaghad qamu u marru ghax-xoghol. Zewgha kien qieghed ipoggi l-madum. Qalet li dakinhar zewgha kien telaq mid-dar ghall-habta tas-sebgha jew is-sebgha u nofs ta' filghodu. Fit-tmienja ta' Ottubru zewgha rega' mar ghax-xoghol normali u x'hin spicca lura mix-xoghol mar lura d-dar. Wara ftit rega' hareg u xi minuti wara huwa irritorna lura d-dar flimkien ma' xi Pulizija. Minn dakinhar hija ma kinitx regghet rat lil z-zewgha. Meta giet murija r-ritratti mehuda mic-CCTV, ix-xhud qalet li r-ragel li kien jidher fir-ritratti kien l-istess persuna li kien mar ihabbtilha jitlobha l-ilma fis-siegha ta' filghodu.

<u>**In kontro-ezami**</u>, x-xhud qalet li meta l-Pulizija kienu marru mal-imputat id-dar hija kienet qaltilhom li kienet separata minn mieghu. Pero' dan ma kienx minnu. Ikkonfermat wkoll li kienet qaltilhom li ma kienx joqghod

hemm. Qalet wkoll li l-Pulizija kienu cemplulha biex hija tmur l-Ghassa. Pero hija ma kinitx marret ghaliex riedet tkun taf x'kien ghamel ir-ragel taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET APPLIKABBLI GHAL DAN IL-KAZ**

Minn ezami tal-atti processwali huwa car li din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti: (a) min-naha 'l wahda hemm il-verzjoni tal-haddiema tal-Convenience Store li raw ic-CCTV footage u eventwalment identifikaw l-imputat bhala l-persuna li kien sgassa l-bieb tal-hanut u seraq il-kexxun tal-cash; u (b) min-naha l-ohra hemm ic-cahda tal-imputat li huwa dakinhar ma kienx seraq mill-hanut in kwistjoni kif wkoll l-alibi li ippruvat tipprovdi mart l-imputat bid-deposizzjoni taghha. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk dan il-kunflitt fil-provi ghandux iwassal sabiex l-imputat jinheles mill-akkuzi li gew dedotti fil-konfront tieghu jew inkella hemmx lok li tigi attribwita kredibbilita lil xi wahda miz-zewg verzjonijiet ad eskluzjoni tal-ohra.

Il-fatt li hemm zewg verzjonijiet konflingenti m'ghandux dejjem ifisser li wiehed jistrieh fuq l-iskappatojja tad-dubju u jillbera. Xorta jista' jkun hemm sejbien ta' htija jekk il-Qorti taghzel li temmen wahda miz-zewg verzjonijiet moghtija u tiskarta l-ohra. Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker</u>**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has*

*to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara*** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konflingenti: jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kompliet telabora hekk fuq is-sitwazzjoni fejn ikun hemm verzjonijiet konflingenti dwar l-akkadut: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u*

*f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 t' Ottubru 2006)."[1]

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet wkoll li *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Ta' rilevanza wkoll ghall-kaz odjern hija wkoll il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-imputat. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Stephen Zammit**[2] kienet tat esposizzjoni tar-regoli li kienu tfasslu mill-Qrati Inglizi fil-kawza **Regina vs Turnbull**. Ghalkemm tali regoli ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, huma ta' linji gwida fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' persuna akkuzata:

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in*

---

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

[2] Deciza fis-16 ta' Lulju 1998

*reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*[3]

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Fabio Schembri** deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2010, il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-principji legali li ghandhom jirregolaw dik it-tip ta' evidenza li hija klassifikata bhala "real evidence". F'dik is-sentenza il-Qorti ghamlitha cara li gurisprudenza tikkunsidra filmati bhala *real evidence*. Il-Qorti imbaghad ghamlet riferenza ghall-Cross, ***On Evidence*** fejn l-awtur jaghti definizzjoni ta' din ir-real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ... Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production*

[3] Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ali Ibrahim Wadi (Appell Nru 504/2015) deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 2018.

*of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

Cross imbaghad jghaddi sabiex jelenka id-diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence". Fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u jikkummenta:

> *'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'".*

Il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-awtur Murphy u l-ktieb tieghu ***'A Practical Approach to Evidence'*** (3rd Ed) fejn jiddefinixxi *real evidence* bhala:

> *"A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression*

*which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. … 'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Murphy jkompli jishaq li: '*The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'."*

Fil-kawza **<u>Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986</u>**), Ralph Gibson LJ ighid:

*"Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to*

*the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[4]

Fis-sentenza taghha suriferita Il-Pulizija vs Fabio Schembri, il-Qorti kompliet taghmel riferenza ghall-kaz iehor deciz mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet **R vs Murphy and Maguire (1990)**:

*"Dana kien jitratta dwar filmat li ngibed mill-gholi u cioe' minn helicopter li kien qieghed jittajjar fuq ix-xena tar-reat. Dana il-heli-tele film kif jissejjah ittiehed mill-gholi, ma kienx juri fic-car l-ucuh tal-persuni li gew fotografati u l-Qorti kellha tasal ghal identifikazzjoni minn fatturi ohra u cioe' evidenza ohra li kien hemm fl-atti tal-process. Il-Qorti stqarret: "We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."*

[4] Informazzjoni ikkwotata fis-sentenza suriferita Il-Pulizija vs Fabio Schembri.

Applikati il-principji suesposti fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex temmen il-verzjoni tal-impjegati tal-Convenience Store b'mod partikolari tal-impjegata Marylouise Abdilla u dan ghall-kuntrarju tal-verzjoni moghtija mill-imputat u martu. Il-Qorti qed isejjes din il-konkluzjoni taghha fuq is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) **<u>L-Identifikazzjoni tal-Imputat:</u>** Marylouise Abdilla, haddiema tal-Convenience Store identifikat l-imputat bhala l-persuna li kien dahal jisraq. Abdilla tixhed li hija rat l-footage tas-serqa. Jumejn wara hija kienet qed timla l-fridge ta' fejn il-bieb u rat lill-imputat jistenna l-karozza tal-linja. Huwa kien fuq stage ezattament faccata tal-hanut. Hija gharfitu bhala l-individwu li kien fil-filmat anke ghaliex kien klijent regolari tal-hanut. Ta'min jikkwota l-brani rilevanti mix-xhieda ta' Abdilla:

*"Dr Joseph Ellis: ir-ritratti li rajt, inti dawn ir-ritratti, dawn il-footage, rajtu fis-sebgha ta' Ottubru hux hekk ? Filghodu.*

*Marylouise Abdilla: Imma gharafnieh mill-ewwel min kien.*

*Dr Joseph Ellis: E?*

*Marylouise Abdilla: Gharafnieh mill-ewwel ghax kien klijent ta' kuljum taghna.*

*Dr Joseph Ellis: Kien klijent ta' kuljumu e, u emm meta kien kuljum dan jigi ghandkom, qatt kien involut f'xi incident? Qatt qbadtuh jisraq xi haga ?*

*Marylouise Abdilla: Sa dak iz-zmien le imma kienu jghidulna anke n-nies per ezempju wara li johrog ghax mhux wiehed bisss kienu jkunu. E kienu per ezempju jghidulna: "Hadulkom hekk. Hadulkom hekk," imma jekk inti ma taqbdux u jekk inti ma tarahx dak il-hin ma tista' takkuza lil hadd imbaghad.*[5]

*. . . . .*

*Dr Joseh Ellis: Meta, meta avzajtu lill-Pulizija li qieghed hemm dan, il-bniedem li ssuspettajtu fih, jigifieri ha mmur pass lura, jigifieri intom malli rajtu l-filmat mill-ewwel wahhaltu fih ?*

*Marylouise Abdilla: Ehe ghax rajna ezatt x'kien ikun liebes.*

*Dr Joseph Ellis: Ehe.*

*Marylouis Abdilla: kollox.*

*Dr Joseph Ellis: Ehe.*

*Marylouise Abdilla: bil-beritta blus u xi gakketta blu kienet jekk miniex sejjer zball. Affarijiet hekk. E affarijiet li kien jilbes ta' kuljum."*[6]

---

[5] Fol. 73 tal-process
[6] Fol. 76

(b) Irrizulta wkoll li kienu anke gew cirkolati ritratti mill-istess footage fi sforz sabiex jigi identifikat il-persuna li kienet dahlet tisraq mill-hanut. Anke l-haddiema kienu gew moghtija struzzjonijiet biex izommu ghajnejhom miftuhin. Dan kif anke xehed ix-xhud Andriy Nappa.[7]

Abdilla u Nappa kienu cari fid-deposizzjoni taghhom. Fil-kaz ta' Abdilla sarilha anke kontro-ezami pjuttost serrat izda l-verzjoni taghha baqghet wahda konsistenti tul id-deposizzjoni kollha taghha. Dan apparti l-fatt li din il-Qorti kellha wkoll il-beneficcju li tezamina l-komportament ta' din ix-xhud anke fuq il-pedana tax-xhieda.

Min-naha l-ohra hemm il-verzjoni tal-imputat fejn huwa jichad li dahal jisraq mill-hanut in kwistjoni kif wkoll l-alibi li ippruvat tipprovdi martu meta tat id-deposizzjoni taghha. Din il-Qorti pero ma tistax tasal biex tattribwixxi xi kredibbilita lil dawn il-verzjonijiet. Hemm diversi inkonsistenzi f'dak li jghidu dawn iz-zewg xhieda u fl-istampa li jippruvaw ipingu. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Fl-istqarrija moghtija minnu l-imputat indika persuna ohra ta' nazzjonalita Georgjana bhala l-persuna li kienet wettqet ir-reat tas-serq u li kienet tidher fil-filmati. Waqt id-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-imputat imur oltre u jghid li l-persuna responsabbli kienet anke qieghda arrestata mieghu fil-lock-up u li

[7] Fol. 88 tal-process.

din il-persuna tixbhu hafna. L-imputat isostni li dan ir-ragel kien arrestat minhabba serq ta' top-up mobile cards. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, dan ir-ragel gie identifikat bhala kujomu Xelia. Madanakollu Xelia rrizulta li kien qieghed jigi mizmum taht arrest peress li kien qieghed Malta irregolarment u ma ingabet l-ebda prova li tindika li kien qieghed jinzamm fuq serq jew inkella li kien gie arrestat b'rabta ma' xi serq;

(b) Ghalkemm l-imputat xehed li kien qal lill-Pulizija dwar il-fatt li Xelia kien qieghed jinzamm arrestat wkoll fuq kwistjoni ta' cards tal-mobile, mid-deposizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur ma hareg l-ebda element f'dan is-sens. Id-difiza baqghet lanqas ma indikat min kien il-Pulizija li lilu giet mghoddija din l-informazzjoni mill-imputat;

(c) Mart l-imputat tistqarr li wara l-hamsa u s-sitta ta' filghaxija zewgha ma kienx hareg mid-dar.[8] Pero fl-istqarrija li zewgha ta l-Pulizija, huwa jindika li kien mar jixtri mill-istess hanut bejn id-disgha u l-ghaxra ta' filghaxija;[9]

(c) Meta l-Pulizija marru fid-dar ta' residenza fejn kienet toqghod mart l-imputat flimkien ma' uliedu u dan mumenti biss wara li kien sehh l-arrest tal-imputat, martu ghamlitha cara mal-Pulizija li zewgha ma kienx qieghed joqghod f'dak il-post u li huma kienu separati. Infatti fil-komparixxi kien gie indikat li l-imputat ma kellux indirizz

---

[8] Fol. 136 tal-process.
[9] Fol. 13 tal-process.

fiss. Sussegwentement imbaghad meta tat il-verzjoni taghha quddiem il-Qorti, hija biddlet din il-verzjoni u qalet li kienet qalet hekk lill-Pulizija ghaliex kienet bezghet. Stranament wkoll hija kienet rrifjutat li tmur l-Ghassa tal-Pulizija meta kienu baghtu ghaliha l-Pulizija ghaliex skont hi riedet tkun taf fuq xiex kien qieghed jinzamm zewgha. Dan aktar jkompli jdghajjef il-kredibbilita ta' din il-verzjoni. Dak li qalet mart l-imputat mhux xi dettal zghir li wiehed jista' jitfixkel fih: jew kienu separati jew ma kinux;

(d) Minkejja li kien hemm nies ohra li kienu qeghdin fl-istess appartament fil-hin li l-imputat kien qieghed hemm fil-lejl ta' bejn is-sitta u s-sebgha ta' Ottubru 2018, dawn baqghu qatt ma xehdu biex jikkonfermaw il-fatt li l-imputat kien fid-dar f'dak il-lejl u b'hekk isostnu l-istess alibi;

(e) Huwa wkoll stramb li persuna li l-imputat u martu ma kinux hbieb taghha tmur thabbtilhom bil-lejl fis-siegha ta' filghodu titlobhom tazza ilma u dawn jifthulha minghajr problema ta' xejn. Kumbinazzjoni wkoll din il-persuna li tmur thabbtilhom tinzerta l-istess persuna li marret tisraq mill-Convenience Store. Mart l-imputat tistqarr li hija kienet taf lil din il-persuna ghaliex kienet tiltaqa' maghha l-Knisja u taghti x'tifhem li kien hemm certu regolarita f'dawn l-inkontri. Min-naha l-ohra zewgha jghid li lil dan ir-ragel kien iltaqa' mieghu waqt BBQ u ma jaghmel l-ebda riferenza ghall-fatt li dan ir-ragel kien wkoll ikun il-Knisja;

(f) Stranament wkoll la fl-istqarrija tieghu u lanqas waqt id-deposizzjoni tieghu l-imputat ma jaghmel riferenza ghall-fatt li fil-lejl ta' bejn is-sitta u s-sebgha ta' Ottubru kien mar ihabbtilhom dan l-individwu d-dar jitlobhom tazza ilma. L-imputat wkoll lanqas ma ghamel accenn ghal dan l-individwu meta huwa gie muri l-istill mehuda mis-CCTV footage. Punt daqshekk importanti zgur li wiehed ma setax jinsieh.

(g) L-imputat fl-istqarrija originali tieghu jghid li gieli seraq xi affarijiet zghar mill-hanut Convenience Store izda imbaghad meta xehed quddiem din il-Qorti, spjega li huwa kien qieghed jixtri on credit. Stranament minkejja li skont l-imputat l-impjegati kienu konxji li huwa kien jixtri on credit u l-istess imputat gharaf lill-persuni li xehdu bhala l-haddiema li kienu jkunu fil-hanut, hadd mill-impjegati tal-Convenience Store ma indika li l-imputat kien inghata l-fakolta li jixtri on credit. Anzi pjuttost indikaw li gieli kien jisraq affarijiet zghar mill-hanut. Izda peress li ma kinu jaqbduh direttament jew jidher fuq il-kamera, ma kinux jkunu jistghu jittiehdu passi kontra tieghu.

Rinfaccjata b'dawn il-kuntradizzjonijiet u bdil fil-verzjonijiet, din il-Qorti ma tistax tattribwixxi kredibbilita ghal dak li xehed l-imputat u wisq u wisq anqas ghal dak li xehdet martu. Il-verzjoni moghtija minnhom qieghda ghalhekk tigi eskluza: jirrizulta minghajr l-ebda ombra ta' dubju li l-imputat effettivament dahal fil-hanut u ikkometta serq mill-istess hanut dakinhar tas-sebgha (7) ta' Ottubru 2018.

Maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra issa tezamina l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tieghu.

**L-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 – Artikoli li Jirrigwardaw is-serq aggravat u l-pieni relattivi**

Il-Kodici Kriminali taghna ma jaghtix definizzjoni tal-kuncett tas-serq u l-Qrati taghna ghal ghexieren tas-snin dejjem striehu fuq id-definizzjoni moghtija mill-Carrara li jqis is-serq bhala *"la contrattazzione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro."*[10] Hames elementi iridu jigu sodisfatti sabiex ir-reat tas-serq ikun jista' jitqies li huwa komplut, u dawn kollha johorgu bl-iktar mod car minn din id-definizzjoni tal-Carrara:

(i) l-att li permezz tieghu l-persuna timpussessa ruhha mill-oggett;
(ii) l-oggett irid ikun jappartjeni lil haddiehor;
(iii) il-persuna li tkun qed tikkommetti r-reat trid tkun taf li l-oggett huwa proprjeta` ta' terzi persuni;
(iv) it-tehid ta' l-oggett irid isir minghajr il-kunsens tas-sid;

[10] Programma Parte Speciale, vol. IV, para 2017. Ikkwotata f' **Pulizija vs Mario Tanti et** deciza fid-9 ta' Dicembru 1944 u **Pulizija vs Carmelo Felice** deciza fl-10 ta' Jannar 1942, it-tnejn sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

(v) u fl-ahhar izda mhux l-inqas, l-azzjoni trid tkun akkumpanjata minn intenzjoni li wiehed jaghmel qliegh.

Ir-rekwizit tal-qliegh li jidentifika Carrara ma jirreferix necessarjament ghall-qliegh finanzjarju. Fil-fatt il-mibki Professur Mamo jaghmilha cara fin-noti tieghu li l-*lucrum "does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self."*[11]

Il-Kodici Kriminali Malti jaghmel distinzjoni bejn serq semplici u serq li huwa ikkwalifikat. Fuq l-iskorta ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 261 tal-Kap. 9, is-serq jista' jkun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-persuna, bil-lok, bil-hin jew bix-xorta tal-haga misruqa. Meta s-serq ma jkunx ikkwalifikat, allura jitqies li huwa serq semplici.[12]

Fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula aktar 'l fuq f'din is-sentenza, m'hemmx dubju li l-imputat dahal fil-hanut The Convenience Store u seraq mill-istess hanut. PS 750 Terry James Mallia xehed li mill-filmati deher xi hadd li dahal fil-hanut billi fetah il-bieb x'aktarx b'lieva. Il-persuna dahal b'lizar fuqu fi sforz sabiex huwa ma jigix identifikat mill-kameras tas-sigurta. Is-surgent ikompli jghid li mill-istess filmati jidher persuna li kien liebes l-iswed minn fuq s'isfel b'kappell f'rasu kif wkoll kellu lizar mieghu. Il-lizar thalla warajh fuq il-bank wara li ha l-kexxun min-naha ta' gewwa tal-cash tal-bank tal-kaxxiera. Huwa u hiereg il-lizar waqa' minn fuqu u huwa baqa' hiereg

[11] A. Mamo, Notes on Criminal Law, Vol. II, pg 283.
[12] Artiklu 284 tal-Kodici Kriminali

bil-kexxun b'kollox. Jidher hiereg minn gewwa l-post, jaqsam faccata u imbaghad ma jibqax jidher aktar.[13] Kif indikat aktar 'l fuq il-haddiema identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li deher fuq dan il-filmat jillieva l-bieb u jisraq il-kexxun tal-cash.

Mill-atti irrizulta wkoll li l-imputat seraq l-ammont ta' mitejn ewro (€ 200) fi flus kontanti kif wkoll ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€ 250) f'top-up cards. Dan gie konfermat minn sid il-hanut Sean Caruana li spjega li fil-hanut filghaxija jithalla float ta' mitejn ewro (€ 200) fil-kexxun biex dan ikun jista' jintuza mill-kaxxier fil-gurnata tax-xoghol tal-ghada kif wkoll mitejn u hamsin ewro (€ 250) f'cards. Dan jkunu gew ittopjati ghall-ghada. Il-prova tal-ammont misruq ghalhekk saret sal-grad li trid il-ligi. L-imputat seraq wkoll il-kexxun tal-cash li biex seta jigi rinpjazzat kellu jithallas l-ammont ta' mija u sitta erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€ 146.32).[14] L-ammont li insteraq jissupera l-ammont ta' € 232.94 indikat fil-Kodici Kriminali u allura s-serq huwa aggravat bil-valur.

Mill-atti jirrizulta wkoll li s-serqa saret bejn il-hdax u kwart u l-erbgha ta' filghodu. Dan ghaliex skont ma jixhed PS 750 Terry James Mallia il-bieb kien gia maghluq sal-erbgha ta' filghodu. Meta l-haddiema wkoll marru jifthu fis-sitta neqsin kwart ta' filghodu s-serqa kienet gia sehhet ghax il-kexxun tal-cash ma sabuhx hemm.

Irrizulta wkoll li l-imputat acceda ghall-hanut billi huwa sgassa l-istess bieb ta' barra tal-hanut. Skont ma tixhed Marylouise Abdilla kienu saru

[13] Fol. 40 tal-process.
[14] Fol. 27 tal-process.

diversi tentattiv sabiex jigi sgassat l-istess bieb u fl-ahhar l-imputat irnexxielu jisgassah bi crowbar.[15] Dan hareg bic-car mill-filmati tac-CCTV. Kemm Abdilla[16] kif wkoll Nappa jindikaw wkoll li kien hemm ghafsa fejn il-lock tal-bieb li tindika sgass.[17]

Jirrizulta ghalhekk li l-imputat huwa hati tal-ewwel imputazzjoni li giet addebitata fil-konfront tieghu u cioe dik ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

- **L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9**

Mill-provi prodotti din l-imputazzjoni wkoll giet ippruvata. Irrizulta li l-imputat ghamel hsara fil-bieb tal-aluminju billi sgassa l-istess bieb bi crow bar. Rigward il-valur tal-hsara sofferta din ammontat ghas-somma ta' erba' mija u hamsin ewro (€ 450) u dan skont kif jirrizulta mill-ircevuta fiskali prezentata a fol. 29 tal-process. Il-prosekuzzjoni giet ezentata milli itella' lix-xhud Dario Barbara biex jikkonferma l-veracita ta' din l-ircevuta.[18]

---

[15] Fol. 71 tal-process.
[16] ibid
[17] Fol. 86 tal-process.
[18] Ara verbal tas-7 ta' Frar 2019 a fol. 51 tal-process.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti u wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (a), 280 (2), 281(a), 325(1)(b), 383, 384, 385, 386, 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha li gew addebitati fil-konfront tieghu u qieghda **tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija.**

In oltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali qieghda tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt (6) xhur huwa jhallas lil Sean Caruana, is-sid tal-Convenience Store l-ammont ta' **elf u sitta u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€ 1046.32)** rapprezentanti l-ammont misruq u danni sofferti mill-istess Sean Caruana in konnessjoni ma' din is-serqa.

Fl-ahhar nett il-Qorti qieghda wkoll tordna li kopja tax-xhieda moghtija minn Teimuraz Datashvili fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Gunju 2019 (fol. 104 et seq tal-process) kif wkoll kopja tax-xhieda ta' Marianna Pekurashvili moghtija fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2019 (fol. 135 et seq tal-process) tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni dwar jekk l-istess Teimuraz Datashvili u Marianna Pekurashvili xehdux il-falz f'dawn il-proceduri u jekk fl-affermattiv sabiex l-istess Kummissarju imexxi skont il-ligi fil-konfront tal-istess Teimuraz Datashvili u Marianna Pekurashvili.

Il-Qorti tinforma lill-Ufficjal Prinicipali tal-Immigrazzjoni li hekk kif l-hati jiskonta is-sentenza ta' prigunerija, jsir il-hlas ta' danni sofferti minn Sean

Caruana u tintemm l-investigazzjoni ordnata aktar 'l fuq ikun ripatrijat f'pajjizu l-Georgia b'mod immedjat.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**